IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.2.2017
COM(2017) 67 final

RIEŻAMI ANNWALI MILL-KUMMISSJONI

tar-Rapporti ta' Attività Annwali tal-Istati Membri dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

RIEŻAMI ANNWALI MILL-KUMMISSJONI

tar-Rapporti ta' Attività Annwali tal-Istati Membri dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

1. Introduzzjoni

Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati[1] jipprevedi fl-Anness I tiegħu li l-Istati Membri għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, Rapport Annwali tal-Attività tal-programmi tal-Aġenziji tagħhom ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (ECAs), u l-Kummissjoni għandha tipproduċi rieżami annwali għall-Parlament Ewropew abbażi tal-eżami tar-rapporti pprovdut mill-Istati Membri.

Ir-rieżami annwali preżenti jkopri s-sena kalendarja 2014. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-eżerċizzju, dan jikkonċerna attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011, jiġifieri tranżazzjonijiet "fit-terminu medju u f'dak twil" b'perjodu għall-ħlas lura ta' sentejn jew iktar. Dan ir-rieżami la jkopri tranżazzjonijiet ta' kreditu ta' esportazzjoni fit-terminu l-qasir[2] u lanqas ma jkopri attivitajiet imwettqa minn ċerti Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (ECAs) li ma jidħlux fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni (bħall-assigurazzjoni tal-investimenti). Ta' min jinnota wkoll li fil-każ ta' xi Stati Membri, il-funzjoni ta' Aġenzija ta' Kreditu għall-Esportazzjoni ssir minn kumpanija tal-assigurazzjoni li topera b'mandat pubbliku. F'każijiet bħal dawn, il-ġestjoni tal-programm pubbliku ta' kreditu għall-esportazzjoni huwa strettament separat mill-attivitajiet tas-settur privat (dawn tal-aħħar naturalment mhumiex is-suġġetti tar-rieżami preżenti).

Il-Kummissjoni tinnota r-Riżoluzzjoni adottata fit-2 ta' Lulju 2013 mill-Parlament Ewropew dwar l-ewwel eżerċizzju ta' rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011[3].

Kif issemma f'rapport preċedenti, fil-kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'din ir-Riżoluzzjoni – bħalma huma r-rakkomandazzjoni lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni u l-Kummissjoni biex jikkonsultaw mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-metodoloġija tar-rappurtar – il-Kummissjoni tefgħet l-attenzjoni partikolari tal-Istati Membri fuq din ir-Riżoluzzjoni fid-dawl tal-eżerċizzji ta' rappurtar sussegwenti.

2. Rapporti Annwali tal-Attività li waslu għas-sena kalendarja 2014

Ir-Rieżami Annwali tal-2014 huwa bbażat fuq Rapporti Annwali tal-Attività aġġornati minn 21-il Stat Membru. Il-Kummissjoni rċeviet rapporti mill-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Kroazja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

---

1 ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45.

2 Għal tranżazzjonijiet bħal dawn tapplika l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 93(1) tat-Trattat KE li tapplika l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat għall-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni fit-terminu l-qasir (ĠU C 281, 17.9.1997, p. 4) .

3 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar l-ewwel rapport annwali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet tal-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri (ĠU C 75, 26.2.2016, p. 7).

Is-seba' Stati Membri li jifdal - Ċipru, l-Estonja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja u Malta - ma kellhomx programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni attivi fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 matul is-sena rrappurtata.

3. Analiżi tar-Rapporti Annwali tal-Attività:

a) Informazzjoni ġenerali u finanzjarja

Il-qafas regolatorju applikabbli (Regolament (UE) Nru 1233/2011) jistabbilixxi r-regoli ġenerali għal tranżazzjonijiet u programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni. Minkejja li bosta gvernijiet Ewropej waqqfu ECA, il-kamp ta' applikazzjoni u t-tip ta' programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni pprovduti, kif ukoll l-istrutturi organizzattivi tal-ECAs, ivarjaw bejn l-Istati Membri.

L-ECA hija jew dipartiment / aġenzija tal-gvern jew kumpanija tal-assigurazzjoni li twettaq din il-funzjoni skont mandat pubbliku u taħt is-superviżjoni tal-gvern. F'xi Stati Membri, fejn barra mill-garanziji, ikun offrut ukoll appoġġ uffiċjali fl-għamla ta' sostenn tat-tip ta' rata tal-imgħax, ġew stabbiliti żewġ organizzazzjonijiet separati. Fi Stati Membri oħra iż-żewġ linji ta' appoġġ ta' kreditu għall-esportazzjoni huma mmexxija mill-istess organizzazzjoni.

Fl-2014, 21 Stat Membru tal-UE kellhom programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011. Dawn il-programmi huma ġestiti minn total ta' 29 aġenzija u dipartimenti governattivi differenti.

F'termini ġenerali, l-Istati Membri espandew l-għodod tagħhom tal-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni f'dawn l-aħħar snin. Fir-rigward tat-tipi ta' sostenn għall-kreditu għall-esportazzjoni offrut minn ECAs Ewropej, l-aktar forma komuni tibqa' "kopertura sempliċi" (jiġifieri t-tranżazzjoni tal-esportazzjoni kkonċernata hija effettivament iffinanzjata permezz ta' kreditu minn bank kummerċjali, li għalih l-ECA tipprovdi garanzija jew kopertura tat-tip ta' assigurazzjoni). Il-21 Stat Membru kollha li jipprovdu krediti għall-esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 matul il-perjodu ta' rappurtar joffru dan it-tip ta' sostenn.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri joffru wkoll forom oħrajn ta' sostenn koperti mir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 u l-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali[4], bħal kreditu jew finanzjament dirett (fejn il-finanzjament hu pprovdut mill-ECA, mhux minn bank kummerċjali)[5], finanzjament mill-ġdid[6] jew skemi ta' sostenn għar-rata ta' interess[7]. Diversi Rapporti tal-Attività Annwali espliċitament isemmu wkoll il-finanzjament ta' proġetti[8] jew l-għajnuna marbuta[9].

Huwa possibbli li jsir paragun wiesa' tad-dispożizzjonijiet u l-użu tal-programmi tal-kreditu għall-esportazzjoni mill-Istati Membri, b'mod li tiddeskrivi d-differenzi u s-similaritajiet prinċipali. Madankollu li l-paragun isir vera u proprja u jkun jirrifletti l-

[4] It-test tal-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati Uffiċjalment huwa anness mar-Regolament.

[5] Ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja, Spanja u r-Renju Unit

[6] Is-Slovakkja u l-Iżvezja

[7] Il-Finlandja, Franza, l-Italja, il-Polonja, is-Slovakkja, u Spanja.

[8] Id-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands

[9] L-Awstrija, id-Danimarka, l-Ungerija, il-Polonja u Spanja

aspetti kollha huwa ħafna iktar diffiċli. It-termini u l-kundizzjonijiet ta’ programmi ta’ kreditu għall-esportazzjoni, anki dawk li huma parti mill-istess kategorija ta’ programmi u mmexxija minn ECAs konformi mal-istess qafas, jistgħu jvarjaw fost l-Istati Membri. Ġeneralment evolva grad ogħla ta’ konverġenza matul dawn l-aħħar snin hekk kif l-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati Uffiċjalment beda jkopri firxa wiesgħa ta’ kwistjonijiet.

Skont din ir-riżerva, tqabbil ta’ skopertura għar-riskju nominali aggregat fi tmiem l-2014 jipprovdi mill-anqas idea ġenerali tad-daqs tal-akbar skemi tal-kreditu għall-esportazzjoni tat-tip "kopertura sempliċi":

Appoġġ uffiċjali fil-forma ta’ “kopertura sempliċi” fl-2014 (f’biljuni ta’ euro) **L-ikbar Stati Membri fl-UE klassifikati skont skopertura għar-riskju nominali aggregata**	
il-Ġermanja	88,5
Franza	65,3
l-Isvezja	31,6
l-Italja	26,7
in-Netherlands	20,2

Permezz tal-ECAs tagħhom, l-Istati Membri huma attivi f’firxa wiesgħa ta’ oqsma lil hinn mill-ambitu tar-rapporti meħtieġa skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011. Meta wieħed jikkunsidra li hemm kundizzjonijiet ta' finanzjament speċifiċi prevalenti f’ċerti setturi industrijali – pereżempju ajruplani u l-bini ta' bastimenti – bosta Stati Membri żviluppaw ukoll prodotti tal-kreditu għall-esportazzjoni speċifiċi għas-settur. Dawn tal-aħħar essenzjalment ikopru attivitajiet ta’ kreditu għall-esportazzjoni ta’ terminu ta’ żmien medju u twil (kif definit skont l-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali). Madankollu, ħafna ECAs Ewropej qed joffru wkoll tali prodotti bħal krediti għall-esportazzjoni fuq terminu qasir u ittra ta’ garanziji ta’ kreditu, garanziji ta’ riskju ta’ manifattura jew prodotti tal-assigurazzjoni għall-investiment. Huwa utli li wieħed iżomm dan f’moħħu meta jivvaluta r-rwol ekonomiku usa’ tal-ECAs.

Fit-Taqsimiet II u IV tista' ssib informazzjoni dettaljata dwar il-formola ta' rappurtar użata fir-Rapporti Annwali tal-Attività , kif ukoll fir-rapporti annwali tal-attività li bosta Stati Membri jirreferu espliċitament għalihom.

B'konklużjoni ġenerali, ir-Rapporti Annwali tal-Attività jipprovdu informazzjoni finanzjarja rilevanti dwar il-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni fl-2014. Madankollu irid jiġi enfasizzat li skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011, dan ir-rappurtar irid isir skont il-qafas leġiżlattiv nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv. Dan jirriżulta f'xi differenzi fil-preżentazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ma għandha l-

ebda osservazzjonijiet speċifiċi dwar l-aspetti finanzjarji tar-Rapporti Annwali tal-Attività[10].

Ir-Rapporti Annwali tal-Attività tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Slovakka u r-Renju Unit isemmu obbligazzjonijiet kontinġenti speċifiċi b'referenza għall-Paragrafu 1, l-aħħar fraži, tal-Anness 1 tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011..

b) Trattament ta' "riskji ambjentali, li jistgħu jġibu magħhom riskji rilevanti oħrajn"

Skont il-Paragrafu 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 l-Istati Membri fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom *"għandhom jiddeskrivu kif ir-riskji ambjentali, li jistgħu jwasslu għal riskji rilevanti oħra, qed jittieħed kont tagħhom fl-attivitajiet tal-kreditu għall-esportazzjoni b'sussidju uffiċjali tal-ECAs tagħhom."*

L-Istati Membri kollha jirreferu espliċitament għal din id-dispożizzjoni. Filwaqt li l-paragrafu 2 tal-Anness I isemmi biss ir-riskji ambjentali, il-maġġoranza tal-Istati Membri jirreferu wkoll għal riskji assoċjati ma' kwistjonijiet soċjali u drittijiet tal-bniedem. Kważi l-Istati Membri kollha jiddikjaraw li huma konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar Approċċi Komuni għal Krediti ta' Esportazzjoni Appoġġati Uffiċjalment u Diliġenza Dovuta Ambjentali u Soċjali (Approċċi Komuni) dwar ir-riskji ambjentali u għad-drittijiet tal-bniedem. L-istess jista' jingħad għar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar it-Tixħim.

B'konformità mal-Approċċi Komuni, l-ECAs qegħdin gradwalment jistabbilixxu grupp ta' esperti dedikati għal kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem. It-tranżazzjonijiet qegħdin jiġu skrinjati skont l-Approċċi Komuni għar-riskji ambjentali, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom u l-impatti potenzjali. Aktar ma għadda żmien, il-proċess ta' skrining sar il-proċedura ta' valutazzjoni standard fost l-ECAs.

Diversi ECAs jsemmu wkoll li l-valutazzjoni tar-riskju dwar aspetti relatati mad-drittijiet ambjentali u tal-bniedem ta' spiss isir f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' esportaturi u l-banek. L-esportaturi u l-banek huma mitluba jagħtu informazzjoni addizzjonali, meta meħtieġa, sabiex jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tar-riskju bir-reqqa.

Il-proċessi tal-evalwazzjoni tar-riskju inkwistjoni ġeneralment jimmiraw għal deċiżjoni ċara dwar jekk proġett partikolari huwiex eliġibbli għal sostenn ta' krediti għall-esportazzjoni jew le (jiġifieri jekk ir-riskji involuti humiex sproporzjonati, bl-ebda kopertura provduta). F'każ ta' riskji li huma meqjusa bħala aċċettabbli, is-sostenn ta' krediti għall-esportazzjoni huwa tipikament marbuta ma' kundizzjonijiet speċifiċi li normalment ikollhom l-għan tal-eżekuzzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni u l-konformità mal-istandards.

Il-Bulgarija mhijiex membru tal-OECD u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri ma implimentatx l-Approċċi Komuni dwar l-ambjent u anqas l-aspetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem. Madankollu, il-Bulgarija tapplika r-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Korruzzjoni u l-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati Uffiċjalment.

[10] Skont l-Anness I, paragrafu I, il-proċess ta' rappurtar preżenti huwa mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-Istati Membri li jeżerċitaw is-sorveljanza tal-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni nazzjonali.

c) Informazzjoni oħra fir-Rapporti Annwali tal-Attività

Minbarra l-informazzjoni diġà msemmija fit-taqsimiet 3a) u b) hawn fuq, il-21 Rapport Annwali tal-Attività juru li l-Istati Membri b'mod ġenerali għandhom politiki dwar il-krediti għall-esportazzjoni u l-ambjent, prattiki għall-antikorruzzjoni u self sostenibbli li jikkonċernaw pajjiżi bi dħul baxx. It-tliet Rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-OECD[11] għandhom rwol ewlieni – iżda mhux esklussiv. Anki l-Istati Membri li mhumiex Membru tal-OECD japplikaw dawn l-istrumenti jew beħsiebhom japplikawhom fil-prinċipju[12]. Kollox ma' kollox, ir-rapporti mill-Istati Membri juru li l-Istati Membri qed jaddottaw l-istess approċċ sabiex jiġu indirizzati kwistjoni relatati mal-ambjent, id-drittijiet tal-bniedem u t-tixħim. Xi Stati Membri jagħtu aktar informazzjoni dettaljata fir-rapporti tagħhom u jenfasizzaw l-importanza ta' dawn il-kwistjonijiet.

Fil-maġġoranza tal-każi, l-Istati Membri qegħdin dejjem aktar japplikaw regoli u prattiki li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ddefinit mill-Arranġament tal-OECD u japplikaw l-istess metodu wkoll għal tranżazzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Approċċi Komuni. F'bosta każijiet, l-ECAs ikkonċernati żviluppaw strumenti rilevanti huma stess (eż. politika ta' Responsabbiltà Soċjali Korporattiva jew kodiċi tal-etika).

Diversi Stati Membri[13] qed jindirizzaw l-importanza li jiġu addottati miżuri għall-promozzjoni tal-aċċessibbiltà u t-trasparenza billi jipprovdu informazzjoni lill-partijiet interessati kollha dwar it-tranżazzjonijiet, il-finanzi u dwar kwistjonijiet ambjentali u soċjali. Bħala mezz biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni u jiġu promossi l-aċċessibbiltà u t-trasparenza, bdew djalogi mal-partijiet interessati fuq bażi regolari.

Bħal fl-eżerċizzju ta' rappurtar preċedenti, bosta Stati Membri jsemmu l-importanza speċjali tad-drittijiet tal-bniedem. Kważi r-rapporti kollha jkomplu jirriflettu s-sostenn għall-iżvilupp ta' dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Approċċi Komuni l-ġodda. Għal diversi Stati Membri, il-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem għandhom status distint fil-valutazzjoni tal-proġetti tagħhom. F'xi każi, is-suġġett huwa direttament marbut mad-drittijiet tal-ħaddiema/id-drittijiet tal-impjegati.

L-Istati Membri kollha jagħtu wkoll importanza għolja għal politiki ta' kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim. F'diversi Stati Membri l-esportaturi u l-banek huma obbligati li jiffirmaw dikjarazzjoni kontra t-tixħim bħala parti mill-applikazzjoni għal kopertura. Qed tintuża firxa wiesgħa ta' strumenti (eż. leġiżlazzjoni nazzjonali, prattiki domestiċi tajbin, strumenti internazzjonali).

d) Konformità tal-ECAs mal-objettivi u l-obbligi tal-Unjoni:

---

[11] 1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar Approċċi Komuni għal Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati Uffiċjalment u d-Diliġenza Dovuta Soċjali (l-hekk imsejħa "*Approċċi Komuni*"). 2. Ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar it-Tixħim u l-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati 3. Il-Prinċipji u Linji Gwida għall-Promozzjoni ta' Prattiki ta' Self Sostenibbli fid-dispożizzjoni tal-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjali għal Pajjiżi bi Dħul Baxx

[12] Madankollu, huwa ovvju li l-Linji Gwida u l-Prinċipji tal-OECD dwar Self Sostenibbli ma jistgħux jiġu applikati minn fornituri ta' kreditu għall-esportazzjoni li ma huma qed jagħmlu l-ebda self lil pajjiżi bi dħul baxx.

[13] Id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, u l-Iżvezja.

Sabiex tiżdied it-trasparenza fil-livell tal-UE, l-Istati Membri għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, Rapport Annwali tal-Attivitajiet, li jirrapporta b'konformità mal-qafas leġiżlattiv nazzjonali tagħhom ċerta informazzjoni finanzjarja u operazzjonali dwar l-attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni, li jinkludi wkoll informazzjoni dwar kif ir-riskji ambjentali huma indirizzati.

Skont il-Paragrafu 3 tal-Anness I "*il-Kummissjoni għandha tipproduċi rieżami annwali għall-Parlament Ewropew ibbażat fuq din l-informazzjoni, inkluża evalwazzjoni rigward il-konformità tal-ECAs mal-objettivi u l-obbligi tal-Unjoni.*"

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jelenka l-objettivi ġenerali tal-Unjoni fl-Artikolu 3 u l-prinċipji u l-objettivi tal-Azzjoni Esterna tal-Unjoni fl-Artikolu 21 tiegħu.

Fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni tal-UE, issir referenza għall-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni fl-Artikolu 206 u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jaqra:

Il-Kummissjoni tieħu nota, abbażi tal-informazzjoni pprovduta, li l-Istati Membri b'attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni fis-sens tar-Regolament Nru 1233/2011 tal-UE stabbilixxew politiki li jakkumpanjaw il-ġestjoni tal-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni tagħhom li jkunu konformi mal-objettivi tal-UE. Ir-Rakkomandazzjonijiet ta' Politika speċifiċi għall-kreditu għall-esportazzjoni żviluppati fl-OECD – l-unika organizzazzjoni internazzjonali li żviluppat regoli speċjalizzati għal dan il-qasam ta' politika – - qegħdin jintużaw b'mod ġenerali.

Kif imsemmi f'Rieżamijiet Annwali preċedenti, b'reazzjoni għal rakkomandazzjoni fir-Riżoluzzjoni imsemmija hawn fuq mill-Parlament Ewropew ta' Lulju 2013 dwar gwida għal eżerċizzji futuri ta' rappurtar, is-servizzi tal-Kummissjoni rrikkmandaw li tintuża l-ħidma tal-istituzzjonijiet ta' monitoraġġ internazzjonali (inkluż in-NU) bħala gwida għall-iżvilupp ulterjuri tal-politika. Ir-rapporti tal-Istati Membri, fuq livell differenti, diġà jużaw tali strumenti internazzjonali bħala referenzi u l-Kummissjoni tħeġġeġ ħidma ulterjuri f'din id-direzzjoni. Aktar djalogu mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fir-rigward tal-politiki dwar id-drittijiet tal-bniedem ikun kruċjali wkoll.

Il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni għal dikjarazzjoni dwar jekk l-Istati Membri humiex konformi mal-objettivi u l-obbligi tal-Unjoni; il-Kummissjoni Ewropea wettqet ir-rieżami annwali tagħha skont l-Anness I. Abbażi tal-informazzjoni li tinsab fir-Rapporti Annwali tal-Attività ppreżentati mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tqis li huma konsistenti mal-għan tal-Unjoni stipulat fl-Artikoli 3 u 21 tat-TUE. Naturalment, l-istituzzjonijiet Ewropej jistgħu fil-futur jistabbilixxu b'mod konġunt miri aktar preċiżi tal-politika. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex tiffaċilita u tippromwovi djalogu interistituzzjonali rilevanti f'dan ir-rigward iżda fil-frattemp trid twettaq l-evalwazzjoni tagħha f'konformità mal-Paragrafu 3 tal-Anness I.

Fir-rigward tal-konformità mal-obbligi internazzjonali u l-obbligi skont il-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE, ma kien hemm l-ebda tilwim fil-livell tad-WTO li jinvolvi programmi Ewropej ta' kreditu għall-esportazzjoni matul il-perjodu ta' rappurtar. Fl-2014 il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda lment li jikkonċerna ksur potenzjali tal-liġi tal-UE li jinvolvi aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni.